MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1708/1998/1

**L-Avukati Vincent Falzon, Giovanni Bonnello, Henry Vassallo,**
**Robert A. Staines, Pio M. Valletta, Stefan Meilak**
**u Doreen Clarke maghqudin f'assocjazzjoni professjonali**
**bl-isem "Farrugia, Gatt & Falzon".**

**v.**

**Regency Estates Ltd.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April, 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn fiha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess li l-atturi kienu jikru minghand il-konvenuti l-ufficcji professjonali fl-ewwel sular ta' Regency House, Republic Street, Valletta bil-kera annwali ta' Lm2110 li huma dejjem hallsu puntwalment lill-konvenut (sic!) ghas-snin 1994, 1995 u 1996 b'kollox Lm6330; u billi l-atturi saru jafu illi t-titolu tal-konvenut fuq l-ufficcju fuq imsemmi skada fit-13 ta' Marzu 1994, u li ghalhekk huma hallsu indebitament is-somma ta' Lm5913.84, li l-konvenut ha min ghandhom indebitament; u billi l-konvenut ripetutament mitlub jirrifondi s-somma minnu inkassata indebidament, irrifjuta li jaghmel dan; u billi l-atturi huma debituri lill-konvenut fis-somma ta' Lm1542.16 dovuti ghall-porterage, ilma, elettriku etc skond l-anness Dok A; u billi z-zewg ammonti huma dovuti, likwidi u certi u ghalhekk avverat ruhha l-kompensazzjoni ghas-somma ta' Lm1542.16 u l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fis-somma bilancjali ta' Lm4371.68.0;

"Ghaldaqstant l-atturi talbu li din il-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut kien debitur ta' rifuzjoni ta' kera minnu indebitament inkassata fis-somma ta' Lm5914.00, ghall-fond fuq imsemmi.

2. dikjarazzjoni illi avverat ruhha kompensazzjoni mad-debitu dovut mill-atturi lill-konvenut fis-somma ta' Lm1542.16,

3. m'ghandux il-konvenut ikun kundannat ihallas lill-atturi s-somma bilancjali ta' Lm4371.68.

"Bl-ispejjez kummercjali, u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1996 u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 2912 tal-1998 kontra l-konvenuti.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

“Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 18 fejn eccepew:

“Illi preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni stante li l-atturi ma setghux arbitrarjament ipacu dak allegatament dovut mis-socjeta` konvenuta ma’ dak dovut lilha mill-atturi, iktar u iktar meta dan ta’ l-ahhar m’huwiex somma certa, likwida u dovuta, izda qed jizdied kull tlitt xhur.

“Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju l-ammont pretiz huwa preskritt skond l-Artikolu 2155 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi bla pregudizzju s-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li fit-30 ta’ Frar 1993 is-socjeta` konvenuta dahlet fi ftehim ma’ Westminister Securities Limited fejn din ta’ l-ahhar giet assenjata d-drittijiet taghha fuq il-kirjiet ezistenti fl-istess fond.

“Illi dwar il-meritu u bla pregudizzju s-socjeta` konvenuta matul is-snin imsemmija fic-citazzjoni kellha titolu validu fuq il-fond in kwistjoni.  In effetti giet mitluba thallas u fil-fatt hallset lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet il-kera dovuta u rceviet l-ircevuti relattivi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.

“Illi ghalhekk xejn m’hu dovut mis-socjeta` konvenuta.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat **il-kontrotalba tal-konvenuti** a fol. 20 fejn ippremettew li

“Peress illi l-atturi huma debituri versu s-socjeta` konvenuta fis-somma ta’ elfejn, mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm2148.11) rapprezentanti din is-somma porterage li jinkludi dawl u ilma fost affarijiet ohra.

“Peress illi l-atturi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti.

“Jghidu l-atturi ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“Tikkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ elfejn, mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm2148.11).

“Bl-ispejjez u l-imghax.

“Rat i**n-nota ta’ l-eccezzjoni ta’ l-atturi** a fol. 25 fejn eccepew;

“Illi huma ma ghandhomx jaghtu l-ammont mitlub peress li gie kompensat ma’ parti mill-ammont akbar dovut lilhom mis-socjeta` Regency Estates.

“Illi l-eccipjenti huma krendituri u mhux debituri tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk din il-kontro-talba ghandha tigi michuda.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet lill-avukati difensuri;

“Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ghas-16 ta’ Ottubru 2002. Imbaghad kienet intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li kienu qed isiru trattativi ghall-arrangament. L-atturi nformaw lill-Qorti li l-mertu kien ezawrit u kien jonqos biss li tigi deciza l-kwistjoni tal-kap ta’ l-ispejjez (ara fol. 134). Min-naha l-ohra l-konvenuti

ivverbalizzaw (ara fol. 139) li ma saret ebda transazzjoni u li huma ghandhom interess fil-kontrotalba taghhom u li l-kera li l-atturi qed jitolbu r-refuzzjoni tieghu kienet dovuta lill-konvenuti.

“L-atturi pprezentaw tlett dokumenti Dok V1 sa V3.

“Fid-Dok V1 l-avukati tal-konvenuti informaw lill-atturi b’ittra datata 13 ta’ Settembru 2002 li l-arretrati tal-Porterage kienu jammontaw ghal Lm6,084.65.

“Id-Dok V3 hija ricevuta datata 26 ta’ Settembru 2002 ghas-somma ta’ Lm507.07 ghall-porterage ghall-perijodu Lulju 1998 sa Settembru 2002. Dok V2 jindika li l-ammont ta’ Lm505.07 kien bilanc dovut ghall-Porterage u Administration Charges ghall-perijodu sat-30 ta’ Settembru 2002. Dawn l-ammonti mhallsa ma gewx kontestati mill-konvenuti.

“Illi l-atturi qed isostnu li bil-konteggi li saru (Dok V1-V3) bejn il-partijiet, illum il-mertu tal-kawza taghhom gie ezawrit, u anke l-kontro-talba tal-konvenuti. Tibqa’ biss il-kwistjoni ta’ l-ispejjez.

“Biex tiddeciedi din il-pendenza l-Qorti trid bil-fors tezamina l-mertu tal-kawza.

“Fit-tielet eccezzjoni l-konvenuti kienu eccepew li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li fit-30 ta’ Frar 1993 is-socjeta` konvenuta dahlet fi ftehim ma’ Westminister Securities Limited fejn din ta’ l-ahhar giet assenjata d-drittijiet taghha fuq il-kirjiet ezistenti fl-istess fond.

“Il-konvenuti qed jissottomettu li l-atturi kienu jafu b’din l-assenjazzjoni u li ghas-snin 1994 – 1996 kellhom ihallsu lil Westminister Securities. Is-socjeta` konvenuta kienet ghaddiet il-flus li rceviet lill-Westminister Securities u din kienet gharrfet b’dan lill-atturi. Ghalhekk il-konvenuti qed isostnu li huma m’humiex debituri ta’ l-atturi u dawn messhom fittxew lil Westminister Securities.

"Illi f'din il-kawza l-atturi talbu dikjarazzjoni u kundanna tal-konvenuti ghar-rifuzjoni ta' kera li s-socjeta` konvenuta indebitament inkassat fis-somma ta' Lm5,914.00, ghall-fond imsemmi. Ghalhekk x'ghamlet is-socjeta` konvenuta mas-socjeta` Westminister Securities, f'dan l-istadju fejn qed tigi deciza dina l-eccezzjoni ma jinteressax lill-Qorti billi l-kawza mhux fuq hlas ta' kera imma talba ghal rifuzjoni ta' flus li l-atturi hallsu indebitament lis-socjeta` konvenuta u lil hadd aktar.

"Ghalhekk dina l-eccezzjoni kienet tigi michuda. (sic!)

"Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti kienu eccepew in-nullita` tac-citazzjoni stante li l-atturi ma setghux arbitrarjament ipacu dak allegatament dovut mis-socjeta` konvenuta ma' dak dovut lilha mill-atturi, iktar u iktar meta dan ta' l-ahhar m'huwiex somma certa, likwida u dovuta izda qed jizdied kull tlitt xhur.

"Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi, ara dok V1 sa V3, li l-ammonti dovuti ghall-porterage issa thallsu kollha sa Settembru 2002 u ghalhekk tpacija setghet issir u fil-fatt saret.

"**DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara li l-mertu tat-talba attrici u kontro-talba gew ezawriti;
Spejjez kontra l-konvenuti."

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2. Fl-appell taghha s-socjeta` konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti:

(i) thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Ottubru 2001 fejn inghata provvediment fuq rikors datat 12 ta' Settembru 2001 u li fih is-socjeta` appellanti kienet talbet l-isfilz ta' dokument B sa P li kienu gew esebiti mill-appellati flimkien ma' nota ta' sottomissjonijiet – liema talba giet michuda.

(ii) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-30 ta' April 2003 moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad "u jew tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex taghti sentenza fuq l-ewwel u t-tielet eccezzjoni u sabiex wara tisma' l-provi u t-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet l-ohra u l-kontro-talba jew alternattivament tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet u konsegwentement tichad it-talbiet attrici u tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli titratta l-kawza fuq il-kontro-talba".

3.1. L-aggravju dwar l-ewwel talba ta' l-appellanti kif fuq dedotta hu bazikament dak li l-ewwel Qorti kienet proceduralment zbaljata meta ghaddiet biex taghti sentenza fuq il-mertu kollu tal-kawza. Il-verbali tal-kawza kienu, skond l-appellanti, kjarament jindikaw li s-sentenza li kellha tinghata kienet cirkoskritta ghall-ewwel u t-tielet eccezzjoni. Ma gara xejn, tissottometti l-appellanti, li seta' wassal il-Qorti biex taghti sentenza fuq kollox.

3.2. Fit-tieni lok, is-sentenza appellata hija nulla in kwantu ma ddecidietx dwar l-eccezzjonijiet preliminari, inkluza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni "moghtija f'kaz [recte: kap] separat kif trid il-ligi" u dan kontra dak li hemm stipulat fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3.3. Bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-appellanti tissottometti wkoll li l-ewwel Qorti iddecidiet il-mertu tat-talba u tal-kontro-talba b'mod zbaljat u dan billi strahet fuq semplici dikjarazzjoni ta' l-attur li qal illi l-mertu gie ezawrit meta dan hija kkontestatu u spiccat biex iddecidiet kontra taghha.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI**

4. L-appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Skond l-appellati, darba li avverat ruhha kompensazzjoni *ope legis* u l-istess socjeta` konvenuta (appellanti) thallset l-ammont kollu dovut lilha, u din sahansitra rrilaxxjat l-ircevuta ghas-saldu, allura dan kien ifisser li l-mertu safa' ezawrit u li "ghalhekk l-esponenti cedew dan il-mertu salv l-ispejjez tal-kawza". Isegwi wkoll li s-socjeta` konvenuta

ma setghetx tkompli tinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li tirrizulta li kien hemm rinunzja ghaliha.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5.1. Dwar l-aggravju rigwardanti d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-12 ta' Settembru 2001, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa infondat.

Huwa minnu li proceduralment is-socjeta` attrici (ossia l-atturi kif maghqudin f'assocjazzjoni professjonali) ma kenitx giet awtorizzata li taqbad u tannetti dokumenti ulterjuri flimkien, man-nota ta' sottomissjonijiet taghha tal-20 ta' Awissu 2001, izda minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta kjarament li l-ewwel Qorti pprovdiet rimedju xieraq lill-kontroparti konvenuta (l-appellanti odjerna) billi, b'digriet sussegwenti in data tas-26 ta' Ottubru 2001, dik il-Qorti tat il-fakolta` "lill-konvenuti" (recte "lis-socjeta` konvenuta") biex din tressaq il-provi taghha in kontestazzjoni tal-provi godda prodotti mill-atturi man-nota taghhom, kif ukoll taghmel l-kontro-ezami jekk ikun il-kaz. Fi-fatt, jirrizulta li fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2002 (fol 114) regghet telghet tixhed ghal darb'ohra Arlette Baldacchino ghan-naha konvenuta u dana inkondizzjonatament. Fil-kors tad-deposizzjoni moghtija, l-imsemmija Arlette Baldacchino pprezentat hi wkoll dokumenti ulterjuri (ara Dok. AB, a fol. 115 – 122 tal-process) biex tirribatti dawk ta' l-atturi.

5.2. Kwindi, anke jekk stess jirrizulta li fil-bidu s-socjeta` konvenuta kellha ragun tillamenta mal-Qorti, b'dak li sehh wara, ma kien hemm xejn aktar x'wiehed jikkontesta minn punto di vista ta' procedura. Ghalhekk l-ewwel aggravju jirrizulta li huwa infondat u qed jigi respint.

6.1. Dwar it-tieni aggravju, invece, li din il-Qorti sejra tikkunsidrah flimkien ma' l-aggravju fil-mertu, din il-Qorti jidhrilha li l-appell dwaru da parti tas-socjeta` konvenuta huwa fondat.

Kif tajjeb sostniet is-socjeta` appellanti l-ligi tal-procedura (Artiklu 730 tal-Kap. 12) tesigi li l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni jew nullita` ta' atti ghandhom jigu decizi

b’kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu – u dan kjarament ma sarx mill-ewwel Qorti. Issa huwa minnu li hemm sentenzi ta’ dawn il-Qrati fis-sens li talba ghal nullita` ta’ sentenza minhabba n-nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ l-art. 730 fuq imsemmi m’ghandhiex tigi “intrattenuta jekk l-appell isib li s-sentenza moghtija f’dak in-nuqqas hija gusta sostanzjalment” (Vide Appell Civili fl-ismijiet Avukat G. Vella v. Gatt, Vol. XXIX-1-1063; Sapiano v. Muscat, Appell civili Vol. XV- p.43) izda dana kemm-il darba ma hemm xejn x’josta riferibbilment ghal dak li gie deciz fil-mertu.

6.2. Minn ezami ta’ l-atti – hekk ara verbal tad-9 ta’ Gunju 2000 (fol. 35) u dawk in segwitu – ghandu jirrizulta li l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet kienu gew espressament cirkoskritti ghal “l-ewwel u t-tielet eccezzjoni”. Fil-fatt, jekk wiehed jezamina sew in-nota tas-socjeta` konvenuta in data ta’ l-1 ta’ Gunju 2001, fiha jinghad (ara fol. 57 tal-process) li,
“din in-nota qed issir riferibbilment ghall-ewwel u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta…”

L-atturi stess wiegbu b’nota ohra (ara fol. 66 *et. seq.*) fejn bdewha hekk:
“Illi din in-nota hija ristretta ghal(l-)ewwel u tielet eccezzjoni sollevati mis-socjeta` konvenuta”.

Gara mbaghad li, in segwitu, inqala’ l-incident dwar id-dokumenti addizzjonali (li ghalih sar accenn mill-appellanti fl-ewwel aggravju taghha surreferit) u wara li nghata provvediment dwaru kif fuq inghad u nzammu numru ta’ seduti, il-kawza marret ghal darb’ohra “ghas-sentenza” fuq talba ta’ l-atturi (ara fol. 129), kif fil-fatt gara, b’dana pero` li s-sentenza moghtija ma kenitx wahda limitata ghall-ewwel u tielet eccezzjonijiet imma kienet ukoll giet estiza ghall-meritu shih.

6.3. Dak li bir-rispett kollu din il-Qorti ssib irritwali huwa l-fatt li ghalkemm l-ewwel Qorti kjarament kienet konsapevoli tal-fatt li kien hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-portata tad-dokumenti ulterjuri, esebiti mill-atturi bhala Dok V1 u Dok V2, l-ewwel Qorti xorta wahda qabdet u

assumiet – minghajr ma pero` ghamlitha cara minn qabel lill-partijiet fil-kawza – li hija setghet tidderimi u tiddeciedi wkoll il-mertu (kompriza allura l-kontrotalba tas-socjeta` konvenuta) u effettivament ipprocediet b'dan il-mod inkonsult.

Bhala motivazzjoni, l-ewwel Qorti qalet biss hekk,
"Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi, ara dok. V1 sa V3, li l-ammonti dovuti ghal porterage issa thallsu kollha sa Settembru 2002 u ghalhekk tpacija setghet issir u fil-fatt saret".

6.4. Din il-Qorti ezaminat sew l-atti tal-kawza u hija tal-fehma li l-mod kif gew kondotti l-proceduri tal-kawza mill-mument li l-atturi talbu u ottjenew is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza – hekk ara digriet moghti fit-23 ta' Settembru 2002 – kien wiehed mankanti ghall-ahhar. Jirrizulta li fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2002, kien deher wiehed mill-atturi li "informa lill-Qorti li l-meritu gie ezawrit u kien jonqos biss li tigi deciza l-kwistjoni tal-kap ta' l-ispejjez" (ara verbal a fol. 134). Flok ma l-atturi pero` pprezentaw nota ta' cessjoni dwar it-talbiet taghhom fil-mertu huma esebew invece nota – f'isem il-konvenuti(!), dan x'aktarx bi zvista – li permezz taghha huma esebew tlett dokumenti addizzjonali konsistenti fi tlett ricevuti. Il-kontro parti konvenuta mhux talli m'adderietx ma' dan il-verbal imma addirittura ddikjarat li ma saret l-ebda transazzjoni bejnha u bejn l-atturi, kif ukoll li hija kien ghad baqghalha interess fil-kontro-talba proposta minnha u dana stante "li l-kera li l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni taghha kienet dovut(a) lill-konvenuti" – ara verbal tat-18 ta' Novembru 2002 (fol. 139). Huwa minnu li l-kawza thalliet mill-gdid ghat-trattazzjoni ghad-29 ta' Jannar 2003 u dakinhar ma jidhirx li dehret il-parti konvenuta imma xorta wahda din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza (fol. 140) "fuq il-kap ta' l-ispejjez u t-talba tal-konvenuti ghall-kompensjoni (sic) ghat-30 ta' April 2003 fid-9.15am", meta jirrizulta li (1) antecedentement, il-provi migbura u s-sentenza li kellha tinghata kienu gew cirkoskritti ghall-ewwel u t-tielet eccezzjoni u li (2) d-dikjarazzjoni unilaterali da parti ta' l-

atturi fis-sens li l-mertu tal-vertenza gie interament ezawrit kienet giet kkontestata mill-kontroparti konvenuta.

6.5. F’dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta’ kjarezza dwar dak li kellu sewwa sew jigi deciz min-naha taghha, is-sentenza fil-meritu kienet wahda rritwali kemm ghaliex kienet tmur kontra dak li hemm stipulat fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12 u kemm ukoll ghaliex ma jirrizultax li l-partijiet kienu gew diretti biex jewzawrixxu l-provi taghhom fil-mertu, qabel ma l-ewwel Qorti qabdet u ddecidiet ukoll dwaru.  Ghal dawn ir-ragunijiet it-tieni aggravju u dak sussidjarju rigwardanti l-meritu huma fondati u qeghdin jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrespingi l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti billi tikkonferma d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Ottubru 2001 fejn hija pprovdiet fuq ir-rikors datat 12 ta’ Settembru 2001; fit-tieni lok tilqa’ t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti u ghalhekk qeghdha tirrevoka u thassar s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta’ April 2003, u dana ghar-ragunijiet suesposti, b’dana li tordna li l-atti jigu rimessi lura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex wara li l-partijiet ikunu ezawrew il-provi taghhom fil-mertu, kemm dwar it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet kollha, u l-kontra-talba tas-socjeta` konvenuta, dik il-Qorti tiddeciedi skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi, il-kap ta’ l-ispejjez ghandu jibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------